A.L. 18 ta' l-1992

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni ta' l-1992 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-*Income* dwar *Investment Finance Bank Limited*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 11(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, Il-Ministru tal-Finanzi ordna li l-*Investment Finance Bank Limited* għandu jiġi eżentat mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 32(6) ta' l-imsemmi Att safejn il-Bank għandu, kieku ma kienux is-setgħat ta' l-ordni tal-Ministru, inaqqas it-taxxa minn ras il-għajn mal-ħlas ta' imgħax lid-detenturi tas-*6% Unsecured Investment Finance Bonds, 1997*. Ebda ħaġa fl-ordni ma għandha tiftiehem li teżenta l-imsemmi imgħax mit-taxxa f'idejn min jirċevih.